Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,608, 24 ta' Marzu, 2026

Taqsima B

A.L. 64 tal-2026

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Anglo-Italian Studies taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Istudji Anglo-Taljani bil-kollaborazzjoni tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tal-Istudji Anglo-Taljani bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għal-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-oridnamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Anglo-Italian Studies u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Anglo-Italian Studies taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Istudji Anglo-Taljani bil-kollaborazzjoni tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 143 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2026 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

3. Il-kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Baċċellerat miksub għall-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II fl-Ingliż jew fit-Taljan jew f'xi kwalunkwe qasam ta' studju ieħor relatat mill-qrib li jitqies xieraq mill-Bord."

It-Tħassir tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu, li minnhom 10 kretti huma assenjati għal taqsimiet-studju mgħallma u 80 krettu huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni. Il-lingwa tad-dissertazzjoni għandha tkun l-Ingliż jew it-Taljan."

It-Tħassir tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

6. L-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' bejn 30,000 sa 35,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji."